MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Numru 676/2005

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Rita Grixti, bint Paul, imwielda
iż-Żurrieq fit-23 ta' jannar, 1953

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, u cioe' fit-30 ta' jannar, 2003 u\jew il-jiem u ix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħ'mula b'risoluzzjoni waħda –
a. xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom;
b. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-30 ta' jannar, 2003, instab li xjentement kellha fil-pussess u\jew depozitztí għandha u\jew esponiet għal bejgħ fl-istore tal-

ħanut tagħha biswit l-istess ħanut, u cioe' il-'Bright Star Mini Market' fiż-Żurrieq, sittax (16) il-kartuna b'mitejn (200) sigarett f'kull kartuna tal-marka Rothmans Blue, kartuna b'ħames (5) pakketti b'għoxrin (20) sigarett f'kull pakkett tal-marka Rothmans Blue, pakkett bi ħmistax (15) il-sigarett tal-marka Rothmans Blue, pakkett bi sbatax (17) il-sigarett tal-marka Rothmans Blue, pakkett b'erbatax (14) il-sigarett tal-marka Rothmans Blue, pakkett bi tlett (3) sigaretti tal-marka Rothmans Blue, pakkett b'ħames (5) sigaretti tal-marka Rothmans Blue, ħames (5) pakketti b'għoxrin (20) sigarett kull pakkett tal-marka Benson & Hedges, pakkett b'erbatax (14) il-sigarett tal-marka Galoise, pakkett b'għaxar (10) sigaretti tal-marke Merit, pakkett b'sittax (16) il-sigarett tal-marka L & B, pakkett b'għoxrin (20) sigarett tal-marka ERNTE 23, pakkett bi ħdax (11) il-sigarett tal-marka Philip Morris, u pakkett bi ħmistax (15) il-sigarett tal-marka Philip Morris u dan bil-ħsieb li tiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxi li jkun imisshom jitħallsu u\jew teħles minn xi limitazzjoni, u\jew b'xi mod tiddisponi minnhom.  Is-sigaretti in kwistjoni għandhom valur totali ta' Lm45.25, dazju tas-sisa ta' Lm143.71,4, liema dazju tas-sisa ma ġiex imħallas u\jew kawtelat u dan bi ksur tal-artikolu 60(a)(b)(ċ)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) u il-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa;

c.  f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fl-istess perjodu taż-żmien, post u ċirkostanżi, xjentement kellha x'jaqsam billi f'xi mod iddisponiet kontra l-liġi minn tlett (3) kartuniet b'mitejn (200) sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans blue, u pakkett b'għoxrin (20) sigarett Rothmans Blue u dan bil-ħsieb illi b'qerq seta' jinħarab milli jitħallas id-dazju u\jew xi xortas ta' taxxa oħra dovuta fuq dawn is-sigaretti, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.  Is-sigaretti in kwistjoni għandhom valur totali ta' Lm7.75, dazju tas-sisa ta' L,24.61,4 liema dazju tas-sisa ma ġiex imħallas u\jew kawtelat u dan bi ksur tal-artikolu 60(a)(b)(ċ)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) u il-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa;

d. f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi kellha fil-pussess u\jew depozitzti għandha u\jew esponiet għal bejgħ fl-istore tal-ħanut tagħha biswit l-istess ħanut, u cioe' il-'Bright Star Mini Market' fiż-Żurrieq, sittax (16) il-kartuna b'mitejn (200) sigarett f'kull kartuna tal-marka Rothmans Blue, kartuna b'ħames (5) pakketti b'għoxrin (20) sigarett f'kull pakkett tal-marka Rothmans Blue, pakkett bi ħmistax (15) il-sigarett tal-marka Rothmans Blue, pakkett bi sbatax (17) il-sigarett tal-marka Rothmans Blue, pakkett b'erbatax (14) il-sigarett tal-marka Rothmans Blue, pakkett bi tlett (3) sigaretti tal-marka Rothmans Blue, pakkett b'ħames (5) sigaretti tal-marka Rothmans Blue, ħames (5) pakketti b'għoxrin (20) sigarett kull pakkett tal-marka Benson & Hedges, pakkett b'erbatax (14) il-sigarett tal-marka Galoise, pakkett b'għaxar (10) sigaretti tal-marke Merit, pakkett b'sittax (16) il-sigarett tal-marka L & B, pakkett b'għoxrin (20) sigarett tal-marka ERNTE 23, pakkett bi ħdax (11) il-sigarett tal-marka Philip Morris, u pakkett bi ħmistax (15) il-sigarett tal-marka Philip Morris u dan bil-ħsieb li tiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxi li jkun imisshom jitħallsu u\jew teħles minn xi limitazzjoni, u\jew b'xi mod tiddisponi minnhom. Is-sigaretti in kwistjoni għandhom valur totali ta' Lm45.25 u li fuqhom kellha titħallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta għal Lm32.58, liema taxxa ma ġietx imħallsa u\jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bi ksur ta' l-Att numru XXIII ta' l-1998;

e. f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fl-istess perjodu taż-żmien, post u ċirkostanżi, xjentement kellha x'jaqsam billi f'xi mod iddisponiet kontra l-liġi minn tlett (3) kartuniet b'mitejn (200) sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans blue, u pakkett b'għoxrin (20) sigarett Rothmans Blue u dan bil-ħsieb illi b'qerq seta' jinħarab milli jitħallas id-dazju u\jew xi xortas ta' taxxa oħra dovuta fuq dawn is-sigaretti, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Is-sigaretti in kwistjoni għandhom valur totali ta' Lm7.75, u li fuqhom kellha titħallas Taxxa fuq il-Valur mizjud, liema taxxa tammonta għal Lm5.58, liema taxxa ma ġietx imħallsa u\jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-

Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bi ksur ta’ l-Att numru XXIII ta’ l-1998;

Rat il-‘Letters to Prosecute’ tal-Kummissarju tal-VAT u tal-Kontrollur tad-Dwana.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ jannar, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat
l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 60(a)(b)(ċ)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) u il-paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa u l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Att numru XXIII ta’ l-1998, u tikkundanna lill-imputata għal ġimgħa priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ sitt xhur mil-lum l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.  Minbarra dan tikkundanna lill-imputata li tħallas multa ta’ Lm283 u tordna l-konfiska tas-sigaretti favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------